**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 349/2002 AF**

**Alexander Borg**

**vs**

**L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-P.L. Luisa Tufigno fil-kwalità taghhom ta' kuraturi tal-wirt gjacenti tal-mejjet Jason Azzopardi u b'digriet tal-Qorti tat-8 ta' Novembru 2002 assumew il-kurazija tal-wirt tal-mejjet Jason Azzopardi, is-segwenti Rita Azzopardi f'isem uliedha minuri Mandy Azzopardi u Clayton Azzopardi; Georgina Farrugia f'isimha proprju u f'isem uliedha Romina Azzopardi, Marouska Azzopardi u Jean Paul Azzopardi; Jacqueline Rapinett f'isem bintha l-minuri Chanel Azzopardi u Mary Rose Aquilina f'isimha proprju u f'isem uliedha Jasmar sive Jesmar Cassar, Shylanne Cassar u Jean Leon Cassar**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Alexander Borg li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Permezz ta' skrittura privata datata 23 ta' Gunju 2000 (Dok. AB1 u Dok. AB2), l-esponent xtara minghand il-mejjet Jason Azzopardi (maghruf bhala "is-Sufu") ix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni EBY 579 bil-permess u l-licenzja relattivi taht il-pattijiet u kondizzjonijiet hemmhekk stipulati, inkluzi modalitajiet ta' hlas dilazzjonat u l-obbligu li t-trasferiment isir ghal fuq l-esponent taht ir-Regulation 25 (para. 12 tal-ftehim).

Ghalkemm sar dan il-ftehim, Jason Azzopardi baqa' jirrifjuta li jeffettwa t-trasferiment skond il-modilatijiet miftiehma qabel ma jithallas in tot, flimkien ma' rati ta' imghaxijiet arbitrarji u uzurarji minnu imposti.

Sussegwentement l-attur insista ma' Jason Azzopardi sabiex tigi stabbilita somma finali sabiex jinqatghu il-pagamenti rateali, liema somma giet stabbilita fl-ammont ta' sittax-il elf Lira Maltin (Lm16,000).

Ghalkemm tali somma kienet komposta minn rati ta' imghax uzurarji, l-attur accetta u fuq insistenza ta' Jason Azzopardi hallas is-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) nhar is-Sibt, 20 ta' Ottubru 2001, fil-presenza tal-persuna li siliftu tali somma, Joseph Zammit, bil-patt illi t-trasferiment u l-pagament tar-rimanenti elf lira jsir nhar it-Tnejn ta' wara.

Fil-frattemp Jason Azzopardi safa' maqtul u b'hekk it-trasferiment baqa' ma sehhx (Dok. AB3).

Sabiex jesimi ruhu minn kull responsabbiltà, l-attur iddeposita taht l-awtorità ta dina l-Onorabbli Qorti s-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000), liema somma giet depositata sabiex tigi sbankata mill-eredi ta' Jason Azzopardi jew minn min ikollu dritt skond il-ligi, u dan wara li jipproduci d-dokumentazzjoni relattiva ghat-trasferiment finali u definittiv tax-xarabank b'numru tar-registrazzjoni EBY 579 bil-permess u l-licenzja relattivi a favur tal-esponent Alexander Borg.

Kontestwalment tal-imsemmija cedola l-esponent talab li jigu deputati kuraturi sabiex jirrapprezentaw il-wirt gjacenti tal-mejjet Jason Azzopardi fl-atti tac-cedola u fl-atti kollha

konnessi u sussegwenti, u nhatru l-Avukat Dr. Richard Sladden u l-P.L. Luisa Tufigno.

Il-werrieta ta' Jason Azzopardi ghadhom s'issa mhumiex maghrufa u l-familjari tieghu urew li ma humiex disposti li jikkollaboraw sabiex isir it-trasferiment in kwistjoni, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li d-*decujus* Jason Azzopardi kien obbligat, skond il-ftehim anness bhala Dok. AB1, illi jittrasferixxi a favur tal-attur ix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni EBY 579 bir-restrizzjoni tat-trasferiment taht ir-Regolament 25, u li naqas milli jaghmel dan, u konsegwentement tghaddi b'urgenza sabiex permezz ta' sentenza parzjali tordna lill-konvenuti sabiex jidhru fuq l-atti necessarji sabiex isir tali trasferiment.

2. Fit-tieni lok, tiddikjara li d-*decujus* Jason Azzopardi thallas il-prezz miftiehem ghat-trasferiment finali u konsegwentement tghaddi sabiex tordna lill-konvenuti jidhru fuq l-atti necessarji sabiex isir tali trasferiment finali u titnehha r-restrizzjoni tat-trasferiment taht ir-Regolament 25.

3. Fit-tielet lok, tiddikjara li d-*decujus* Jason Azzopardi thallas imghax izjed mill-imghax legali, u tikkwantifika u tordna r-repetizzjoni tal-imghax imhallas in eccess.

Bl-imghax u bl-ispejjez legali, inkluzi dawk relattivi ghac-cedola ta' depositu fl-istess ismijiet.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Avukat Richard Sladden u tal-PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati tal-wirt gjacenti tal-mejjet Jason Azzopardi li in forza taghha gie eccepit illi:

L-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-werrieta tal-mejjet konvenut.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta-8 ta' Novembru 2002 li permezz tieghu il-Qorti diversament presjeduta ordnat illi jassumu l-kurazija tal-wirt tal-mejjet Jason Azzopardi is-segwenti: Rita Azzopardi f'isem uliedha minuri Mandy Azzopardi u Clayton Azzopardi; Georgina Farrugia f'isimha proprju u f'isem uliedha Romina Azzopardi, Marouska Azzopardi u Jean Paul Azzopardi; Jacqueline Rapinett f'isem bintha l-minuri Chanel Azzopardi u Mary Rose Aquilina f'isimha proprju u f'isem uliedha Jasmar sive Jesmar Cassar, Shylanne Cassar u Jean Leon Cassar.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-fuq imsemmija li permezz taghha gie eccepit illi:

L-ewwel zewg talbiet attrici ma jimmeritawx illi jigu akkolti u ghandhom jkunu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante illi l-istess attur naqas milli jhallas izjed minn tlett kambjali u ghaldaqstant a tenur tal-klawsola numru sebgha (7) tal-iskrittura bejn l-attur u d-*decujus* Jason Azzopardi, hemm lok li x-xarabank *de quo* ghandu jigi irritornat lill-eredi tal-istess Jason Azzopardi u din il-pretensjoni tifforma l-mertu tal-kontro-talba prezenzjalment sollevata.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost u *in subsidium*, lanqas ma huwa minnu li d-decujus Jason Azzopardi thallas imghax izjed mill-imghax legali u ghalhekk anke t-tielet talba ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontra l-attur li fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr l-ebda pregudizzju huwa tenut igib il-prova tal-pagamenti kollha li qed jallega li effetwa.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull azzjoni ohra talvolta spettanti lill-eredi tad-decujus Jason Azzopardi kontra l-attur li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenuti li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Permezz ta' skrittura privata datata 24 ta' Gunju, 2000, d-*decujus* Jason Azzopardi biegh lill-attur rikonvenut ix-xarabank bin-numru tar-registrazzjoni EBY 579 taht il-pattijiet u kundizzjonijiet hemmhekk stipulati, inkluz il-kundizzjoni li f'kaz li ma jsirx il-pagament ta' tlett kambjali kif previst fl-imsemmi ftehim, l-imsemmi xarabank kellu jigi ritornat lill-bejjiegh Jason Azzopardi (para. 7 tal-ftehim).

A tenur tal-klawsola numru tmienja (8) tal-imsemmi ftehim, l-attur rikonvenut intrabat ukoll illi f'kaz li ma jhallasx tlett kambjali, l-istess attur rikonvenut kellu jhallas tlett elef Lira Maltija (Lm3,000) b'pagamenti ta' hamsin Lira Maltija (Lm50) fix-xahar u dan apparti li jitlef kull ma jkun hallas qabel.

L-attur rikonvenut naqas milli jhallas tlett kambjali u izjed kif stipulat mad-*decujus* Jason Azzopardi bil-ftehim *de quo*.

Jason Azzopardi illum huwa mejjet u li x-xarabank bin-numru tar-registrazzjoni EBY 579 illum hija detenuta mill-attur rikonvenut minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

L-eredi tad-*decujus* Jason Azzopardi huma l-konvenuti nomine u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti 'Dok B', 'Dok C', 'Dok D', u 'Dok E'.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-attur rikonvenut naqas milli jhallas izjed minn tlett kambjali u li ghaldaqstant, a tenur tal-klawsola numru sebgha (7) tal-iskrittura privata datata 24 ta' Gunju, 2000 bejn id-*decujus* Jason Azzopardi u l-attur rikonvenut l-istess attur rikonvenut illum qieghed jiddetjeni ix-xarabank bin-numru tar-registrazzjoni EBY 579 minghajr l-ebda titolu validu fil-ligi u li l-istess attur rikonvenut huwa obbligat jirritorna l-imsemmija xarabank lill-eredità tad-*decujus* Jason Azzopardi.

2. Konsegwentement tordna lill-istess attur rikonvenut jirritorna l-imsemmija xarabank bin-numru tar-registrazzjoni EBY 579 lill-eredità tad-*decujus* Jason Azzopardi fi zmien qasir u perentorju illi jigi iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Konsegwentement tiddikjara wkoll illi a tenur tal-klawsola numru tmienja (8) tal-imsemmija skrittura privata l-attur rikonvenut huwa debitur tal-eredità tal-mejjet Jason Azzopardi fis-somma ta' tlett elef Lira Maltija (Lm3,000), pagabbli hamsin Lira Maltija (Lm50) fix-xahar u dan wara li tiddikjara li l-attur rikonvenut tilef favur l-awtur tal-konvenuti nomine Jason Azzopardi kwalunkwe jedd illi huwa seta' kellu rigward il-flus illi talvolta seta lahaq hallas lid-*decujus* Jason Azzopardi.

4. Tordna lill-attur rikonvenut sabiex ihallas lill-eredi ta' Jason Azzopardi s-somma ta' tlett elef Lira Maltija (Lm3,000), pagabbli hamsin Lira Maltija (Lm50) fix-xahar.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez, u b'rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra talvolta spettanti lill-eredi tad-*decujus* Jason Azzopardi skond il-ligi kontra l-attur rikonvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenut li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament in-nullità tat-talbiet rikonvenzjonali tal-kuraturi, stante li, mentri persuni anke mhux interessati jistghu jirrispondu ghal bandu ghall-hatra ta' kuraturi, tali hatra ma tkoprix necessarjament l-intavolar ta' talbiet gudizzjarji godda, ghal liema jehtieg li jkun hemm hatra ad hoc jew interess guridiku dirett, u l-fatt illi Georgina Farrugia proprio qed tallega li hija wahda mill-eredi tad-decujus mhuwiex ta' rilevanza ghall-finijiet tal-kawza odjerna, ladarba qed tidher fil-vesti ta' kuratrici.

Preliminarjament ukoll, illi l-kuraturi naqsu milli jiddikjaraw fid-dikjarazzjoni taghhom liema fatti jafu bihom personalment, u anzi ttiehed gurament fuq kwistjonijiet li dwarhom il-kuraturi ma jafu xejn di xjenza propria.

Fil-mertu, jigi eccepit illi t-talbiet rikonvenzjonali huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-esponent hallas kwantu ftiehem mad-*decujus* li kellu jhallas, u anzi hallas anke imghax uzurarju, kif spjegat fic-citazzjoni u dikjarazzjoni tal-fatti attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-traskrizzjonijiet tax-xhieda, u verbali tas-seduti, mismugha mill-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li minkejja li moghtija l-fakoltà li jressqu sottomissjonijiet bil-miktub, hadd mill-partijiet ma ressaq sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Alexander Borg qed jitlob lill-Qorti tordna lill-werrieta ta' Jason Azzopardi jghaddu biex jirregistraw fuq ismu xarabank li huwa kien xtara minghand Jason Azzopardi u li jghid li hallas kompletament. Il-konvenuti jsostnu li hu ma hallasx il-prezz kollu u permezz tal-kontrotalba jitolbu r-ritorn tal-istess xarabank. Qed jitolbu wkoll hlas ta' Lm3000 penali skond l-iskrittura.

Jirrizulta illi fl-24 ta' Gunju 2002 Jason Azzopardi biegh lil Alexander Borg xarabank Nru. EBY 579 bil-permess u l-licenzja abbinati maghha, ghall-prezz ta' Lm27,000. Il-ftehim kien inkorporat fi skrittura privata li kienet tkopri l-modalitajiet ta' pagament u l-obbligu tat-trasferiment taht ir-regolament 25. Alexander Borg beda jhallas regolarment skond il-ftehim Lm200 kull hmistax-il gurnata, skond is-sussidju li jircievi mill-Public Transport Authority. Alexander Borg isostni illi ghal kull dewmien ta' xi gurnata jew zball fis-sussidju mghoddi, Jason

Azzopardi kien jesigi imghaxijiet estremi u s-somom jikbru. Meta Alexander Borg avvicina lil Jason Azzopardi biex jaslu ghal somma finali li Borg ried ihallas biex jaqta' ghal kollox, ftehmu fuq somma ta' Lm16,000 li Borg kellu jissellef biex ihallas. Borg in fatti ssellef din ic-cifra minghand Joseph Zammit u ghaddieha lil Jason Azzopardi ghajr ghal Lm1000. It-transfer qatt ma sar. Jirrizulta illi l-ghada tal-pagament Jason Azzopardi gie maqtul.

L-attur f'din il-kawza ressaq provi estensivi in sostenn tal-allegazzjoni tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, jibda biex jinghad, ix-xhieda tieghu moghtija kemm bil-procedura tal-affidavit kif ukoll viva voce, ma giet imxellfa bl-ebda mod li seta' jitfa xi dubbju fuq il-kreddibilità tieghu. Huwa jpingi xena ta' terrur kontinwu perpetrat fuqu minn Jason Azzopardi, liema biza kienet twasslu biex jaccetta debiti li kien perswaz li ma kienux gustifikati.

Huwa jixhed hekk:

> *"Jiena bzajt minnu ghax miniex ir-ragel tal-kwalità tieghu. Jiena naf li Jason Azzopardi hu wiehed li mhux l-ewwel darba li rrikorra ghal vjolenza u gieli rajtu l-Belt fejn ikun hemm nies li kellhom jaghtuh u anki xi nies li jkunu jigu minnu b'xi mod anke maghhom rajtu jien jehodlu l-pouch u jaghtih xi daqqtejn f'wiccu u dan ghax dan kellu jaghtih xi somma flus. Hu kien jaghti self ta' flus lil diversi nies bl-uzura u naf li dan l-ahhar dana miet wara gie maqtul f'incident gewwa Bormla."*

Din il-Qorti tqis li l-biza tieghu fil-konfront ta' Azzopardi kien altru minn gustifikat. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-fedina penali (esibita in atti a fol. 98) li hija "dossier" komplet ta' atti ta' vjolenza perpetrati minn Jason Azzopardi.

Alexander Borg jirrakkonta:

> *"Wara ftit taz-zmien, kien gie jsibni u qalli li skond ma qalulu, ic-cekk tas-sussidju ma kontx intitolat ghalih jiena, imma hu. Jiena din il-haga ma accettajthiex, u qabad itini; tani daqqtejn go halqi u werieni r-revolver tieghu u*

*heddidni li jispara ghalija u qalli li ma nafx ma min qed naghmilha."*

Il-Qorti tqis partikolarment l-incident dwar vettura "Escort" proprjetà ta' Borg li Azzopardi qabad u hadlu f'nofs ta' lejl ghax riedha. Borg spicca biex kellu jhallsu biex jirritornaha lilu. Ghalkemm is-siehba ta' Azzopardi taghti verzjoni ohra ta dan l-incident, din il-Qorti ma tqisx din il-verzjoni kredibbli partikolarment meta l-istess konvenuti ma ressqu ebda provi fir-rigward.

L-attur jghaddi biex jelenka serje ta' incidenti fejn Jason Azzopardi kien kull darba jsib skuza biex jawmenta l-bilanc dovut. Huwa pprezenta prospett dettaljat ta' somom mhallsa lil Azzopardi (fol. 338). Dan il-prospett gie konfermat bil-gurament. Inoltre, il-kopji tad-dokumenti esibiti fil-proceduri Kriminali Ir-Repubblika ta' Malta vs Melchior Spiteri (fol. 124 et seq.) juru li Jason Azzopardi kien jiggestixxi organizzazzjoni estensiva ta' self ta' flus sorretta b'sistema ta' teknologija tal-informatika denja ta' bank zghir. Il-prospetti u statements mahruga minn Jason Azzopardi fuq sistema ta' Excel u spreadsheets giet konfermata minn MaryRose Aquilina siehba ta' Azzopardi li kkonfermat:

*"Qabel kont nahdimhom ta' rutina, qed tifhem? ... li l-imghaxijiet kien izidhom mal-kont u kont nahdimhom fuq li l-Excel jiena."*

Kompliet tikkonferma li sahansitra "administration charges" kienu jimponu flimkien ma' pagamenti ghall-hrug ta' statements.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ix-xhieda mhux kontradetta ta' Joseph Zammit li kkonferma c-cirkostanzi li fihom kien sellef il-flus (Lm15,000) lil Borg biex dan ihallas bihom lil Azzopardi. Jikkonferma ukoll il-presenza tieghu meta sar il-hlas (ara fol. 166). Din ix-xhieda ma giet kontradetta b'ebda mod. Il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda tal-Ispettur Angelo Caruana li kien investiga l-omicidju ta' Azzopardi (fol. 116).

Il-prospetti esibiti (fol. 136) jikkonfermaw li, minbarra li Borg gie kostrett jiffirma kambjali f'ammont superjuri ghal Lm22,000 miftiehma (li wara kollox kienu jinkludu imghax) Borg spicca biex hallas ammonti definittivament mhux dovuti.
Ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-talbiet rikonvenzjonali, il-Qorti tqis li dawn ma gewx pruvati b'ebda mod. Anzi, kif intqal aktar 'il fuq fid-dawl tal-provi mressqa minn Alexander Borg il-Qorti tinsab konvintissima li m'humiex gustifikati.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi t-talba billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kovenuti, tilqa' l-ewwel talba ta' Alexander Borg u tiddikjara illi l-mejjet Jason Azzopardi kien obbligat jittrasferixxi a favur Alexander Borg il-vettura EBY 579 u naqas milli jaghmel dan; tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-mejjet Jason Azzopardi thallas il-prezz miftiehem u ghalhekk tordna lill-konvenuti jidhru fuq l-atti necessarji sabiex isir tali trasferiment u titnehha r-restrizzjoni taht ir-Regolament 25; tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-mejjet Jason Azzopardi thallas imghax izjed fl-ammont ta' €26,045.90 ekwivalenti ghal Lm11,178.50. Ghaldaqstant il-Qorti tordna lill-konvenuti jroddu lura lil Alexander Borg is-somma ta' €26,045.90 (sitta u ghoxrin elf u hamsa u erbghin Ewro u disghin centezmu).

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kontrotalba billi tilqa' t-tielet eccezzjoni ta' Alexander Borg u tichad it-talbiet ghaliex mhux pruvati.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG